Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 11/16

**AVVIŻI**

**13 ta' Marzu 2016**

Nirringrazzjaw lil dawk kollha li organizzaw id-Dramm tal-Passjoni u lil dawk li ħadu sehem. Grazzi tal-ħin u l-enerġija li offrejtu għall-ġid tal-komunità parrokkjali. Nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu sa ssir laqgħa għaż-żgħażagħ u l-adulti kollha li ħadu sehem fis-7.15pm fil-*crying room.*

Matul din il-ġimgħa jkun hawn l-Eżerċizzi għal kulħadd waqt il-quddiesa ta' filgħaxija.

Nhar il-Ġimgħa niċċelebraw il-festa devozzjonali ta' Marija Addolorata. Il-quddies ikun fil-5.30am, fis-6.15am, fin-12.30pm, fis-6.15pm u fit-8pm. Wara l-quddiesa tas-6.15pm ssir il-purċissjoni madwar it-toroq tal-parroċċa.

Nhar is-Sibt u l-Ħadd li ġej ikun hemm Bazaar b'risq il-festa fil-*crying room.*

Nhar il-Ħadd nibdew il-Ġimgħa Mqaddsa bit-tifkira tad-Daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Fit-8.30am niltaqgħu fit-tarf tal-pjazza. It-tfal jistgħu jieħdu sehem bl-ilbies ta' tfal Lhud. Dakinhar iġibu magħhom il-karus tar-randan li tqassam biex jingħata lid-Dar tal-Providenza.

Il-Kappillan ifakkar li l-Ġimgħa Mqaddsa hija l-aktar ġimgħa importanti għall-mixja tal-fidi tagħna, għalhekk huwa importanti li nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha ta' din il-ġimgħa anki meta dan ikun jitlob minna ftit sagrifiċċju. Biex ikun aktar faċli li nieħdu sehem matul il-ġimgħa mqaddsa m'għandhomx isiru laqgħat ta' gruppi tal-parroċċa jekk mhux direttament marbutin mal-preparazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-Knisja.